# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## Seduta numru 14 tas-7 Leġislatura
## Illum il-Ħamis 13 ta' Marzu 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 14 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Analizi tat-offerti għall-installazzjoni ta' CCTV fuq Bring-In Site fi' Triq San Pietru
5. Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti, kwotazzjonijiet u 'expressions of interest'
6. Festa Frawli
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Elaine Vella kienet skużata.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 dwar punt 3.3 : L-attivita' Frott ir-Rebbiegħa ġiet imħassra.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienu inġabru numru ta' kwotazzjonijiet għall-Blower tal-weraq biex jintuża mill-handimen tal-Kunsill. Dan wara li nħass li kien hemm bżonn dan għax-xogħol li jwettqu ta' kuljum. Is-Sindku u l-handimen ser imorru jaraw dan il-makkinarju ikkwotat.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kienet saret żjara edukattiva mill-Ministru tas-Saħħa fl-iskola primarja tal-Imġarr fejn fiha saru taħditiet dwar l-ikel tajjeb u san fost it-tfal. It-tfal ingħataw ukoll frott waqt din l-attivita'.

3.2 Is-Sindku informa wkoll li kienet saret żjara mis-Segretarju Parlamentari Dr. Jose' Herrera f' Tal-Għasfura biex jara il-post fejn il-Kunsill qed jippjana li jsir iċ-ċentru ta' interpretazzjoni. Il-Kunsill ser iressaq proposta lis-Segretarjat Parlamentari sabiex jingħata għajnuna permezz ta' servizzi ta' persuni li jadmu fuq dan il-oost kif ukoll fiż-żona ta' Darrenzi.

3.3 Is-Sindku informa li ix-xogħol fuq il-playing field ta' Triq l-Alwiża huwa lest u issa kien twaħħal anke ir-rubber flooring.

3.4 Is-sindku semma' li kien qed isir koordinament bejn id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, il-Pulizija, u id-Direttorat tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex titneħħa blata perikoluza mill-Ġnejna, li tinsab 'il fuq mill-garaxxijiet.

3.5 Is-Sindku ħabbar li iċ-Ċentru ta' matul il-jum għall-Anzjani issa kien ser jibda' jiftaħ nhar ta' Tlieta ukoll, barra nhar ta' Ġimgħa.

**4. Analizi tal-offerti għall-installazzjoni ta' CCTV fuq Bring-In Site fi' Triq San Pietru**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ir-rapport tekniku dwar dan kien għadu qed jiġi fformulat mill-esperti tekniċi mqabbdin mill-Kunsill.

## 5. Hruġ ta' sejħiet għall-offerti, kwotazzjonijiet u 'expressions of interest'

5.1 Il-Kunsill iddiskuta il-bżonn li jinħarġu xi tenders oħra u kompla dan wara l-aħħar seduta. Ġie deċiż li jinħarġu dawn is-sejħiet:

- **TENDER MGR 2014/01**
  Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fil-Masġar ta' Darrenzi, fl-Imġarr bħala parti mill-Miżura 313 - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/02**
  Forniment u kostruzzjoni ta' kurduna u bankini fi' Triq Għajn Tuffieħa, l-Imġarr, bħala parti mill-Miżura 313 - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/03**
  Xogħol infrastrutturali ta' rinnovament ta' spazju ta' rikreazzjoni f' Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/04**
  Forniment u installazzjoni ta' Playing-Field Equipment u Safety Rubber Flooring fi' spazju ta' rikreazzjoni f' Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr - Prezz €50.00

- **TALBA GĦALL-INFORMAZZJONI**
  Forniment ta' żewġ kompjuters u file-server għall-użu tal-uffiċċju.

- **TALBA GĦALL-INFORMAZZJONI**
  Akkwist ta' vann ta' 5-7 persuni

## 6. Festa Frawli

6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar żvilluppi fl-organizzazzjoni ta' Festa Frawli 2014.

6.2 Ingħata update dwar l-aħħar ftehim u taħdiet li saru ma' Transport Malta, il-Pulizija u l-Gwardjani Lokali, minħabba immaniġġjar tat-traffiku.

6.3 Ġie deċiż ukoll li, bħas-snin l-imgħoddija, tintbgħat ittra lir-residenti tat-toroq milquta sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-arranġamenti neċċessarji.

**7. Affarijiet Mixxelanji**

7.1 Is-Sindku informa li kien qed isir koordinament mad-Direttorat tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex isir intervent fuq il-ħajt perikoluż fil-Ġnejna. Il-Perit Paul Cini kien qed jikkoordina flimkien mas-Sindku.

7.2 Mis-16 sa 23 ta' Marzu ser ikollna zewg zghazagh mill-Imgarr li ser jippartecipaw f'leadership course bl-isem 'Pump your Employability'. Iz-zghazagh huma Carl Ebejer u Wesley Muscat, u l-course ser isir f'Pescopagano , l-Italja.

7.3 Mill-31 ta' Marzu sas-7 ta' April ser ikllna zewg zghazagh ohra li ser jippartecipaw f'leadership course iehor li ser isir gewwa Yerevam, l-Armenia. Iz-zghazagh huma Alison Borg u Jennifer Camilleri u l-course jismu 'Think Greener'.

7.4 Bejn il-Gimgha 25 ta' Lulju u l-Gimgha l-1 ta' Awwissu 2014 ser ikollna grupp ta' 8 partecipanti ta' bejn 13 u s-17 -il sena li ser ikunu qed jippartecipaw f'youth exchange f'Pracatinat, l-Italja. It-tema tal-youth exchange ser tkun 'Sport and Healthy Behaviour', u ser jippartecipaw zghazagh mill-Italja, Polonja, Portugal, Wales u Malta. Il-leaders ser ikunu Alison Vella u Christopher Ghio. L-APV sar mill-Gimgha 28 ta' Frar sal- Hadd 2 ta' Marzu.

7.5 Is-17 ta' Marzu 2014 hija l-ewwel deadline biex napplikaw ghall-fondi mill-programm il-gdid 2014-2020 taz-zghazagh. Ser napplikaw biex nospitaw youth exchange f'pajjizna fis-sajf 2014. It-tema tal-youth exchange hija '**Discover yourself through others in Malta!',** u partners maghna hemm gruppi minn Franza, l-Germanja u l-Italja.

7.6 Minhabba li l-Kunsill Lokali tal-Imdina ma sabux zaghzugh/a biex i/tkun ambaxxatur/trici, zaghzugh mill-Imgarr Andrea Depasquale wera x-xewqa li jkun Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Imdina, u dan gie accettat.

7.7 Bejn id-9 u l-11 ta' Mejju 2014 il-Parlament Ewropew fi Strasburgu, Franza ser jiftah il-bibien tieghu ghal 5000 zaghzugh/a mill-Ewropa kollha ghall-attivita` European Youth Event. L-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser ittella' grupp ta' 10 kunsilliera Maltin li ghandhom inqas minn 30 sena, u Mario Sammut mill-Kunsill Lokali tal-Imgarr hu wiehed minn dawk li ntghazlu.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:05pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 16 ta' April 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku